

PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

# 2023

Il-Belt Valletta
6 ta' Ġunju 2023

Ritratt tal-qoxra: Dipartiment tal-Informazzjoni

# Programm Uffiċjali u

# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tat-tifkira

# tas-SETTE GIUGNO

**It-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023**

## Programm Uffiċjali

| | |
|---|---|
| 6.15 pm | Programm mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija biswit il-Monument tas-Sette Giugno fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta. |
| 6.30 pm | Wasla tal-Onorevoli Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, fi Pjazza San Ġorġ. |
| | L-Ispeaker jilqa' lill-Onorevoli Bernard Grech MP, Kap tal-Oppożizzjoni, mal-wasla tiegħu fi Pjazza San Ġorġ. |
| | L-Ispeaker jilqa' lill-Onorevoli Robert Abela MP, Prim Ministru ta' Malta, mal-wasla tiegħu fi Pjazza San Ġorġ. |
| 6.45 pm | Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta fl-okkażjoni tat-tifkira tas-Sette Giugno. |
| | L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, flimkien mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, jieħdu posthom quddiem il-Monument tas-Sette Giugno. |
| | Tindaqq il-Last Post. |
| | Tiġi osservata minuta silenzju. |
| | Tindaqq ir-Reveille. |
| | L-Ispeaker iqiegħed kuruna f'riġlejn il-Monument tas-Sette Giugno. |
| | Tqegħid ta' kuruni mill-Prim Ministru segwit mill-Kap tal-Oppożizzjoni, minn mistiedna distinti, familjari tal-vittmi u organizzazzjonijiet oħra. |
| | Jindaqq l-Innu Nazzjonali. |

## DISKORS FL-OKKAŻJONI TAS-SETTE GIUGNO 2023

Il-jum tas-Sette Giugno huwa jum fejn aħna nirriflettu fuq dak li kien ġara fl-1919. L-irvellijiet li seħħew fis-Sette Giugno, ftit ’il bogħod minn fejn ninsabu llum, seħħew f’kuntest ta’ perjodu fl-istorja fejn pajjiżna kien ikkaratterizzat minn problemi ekonomiċi kbar, fosthom faqar u ġuħ minħabba l-prezzijiet għoljin tal-ħobż u ta’ bżonnijiet oħrajn. Kienet sitwazzjoni ta’ taqlib politiku kbir, fejn pajjiżna lanqas biss kellu Kostituzzjoni li tixraqlu għaliex lanqas kienet tagħtih setgħa jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar min imexxih. Din is-setgħa, għalkemm b’mod limitat, ingħatat tliet snin wara bis-saħħa tal-Kostituzzjoni Amery-Milner, żvilupp politiku importanti li nattribwuh lil dak li ġara fl-1919. Nattribwuh fuq kollox lil dawk l-erba’ persuni li dakinhar tal-protesti tilfu ħajjithom, u li isimhom huwa mnaqqax fuq dan il-monument kif ukoll fl-istorja ta’ pajjiżna. Dawn kienu Emanuel Attard, Karmenu Abela, Ġużè Bajada u Wenzu Dyer. Tilfu ħajjithom wara li mhux inqas minn 64 suldat Ingliż li kienu ordnati jferrxu lin-nies fil-Belt, fetħu n-nar fuq il-folla. Ma rridx ninsa lil dawk li wara l-jum tas-Sette Giugno mietu jew baqgħu jbatu l-konsegwenzi kaġun tal-feriti gravi li ġarrbu riżultat tat-tiri li ġew sparati fid-direzzjoni tagħhom u tad-daqqiet ta’ bajunetta li ngħataw.

L-iżvilupp politiku li rreferejt għalih aktar kmieni kien dovut ukoll għal min dak iż-żmien kellu l-kuraġġ li jieħu ċertu deċiżjonijiet importanti. Wieħed minnhom kien Filippo Sciberras li kien mexxej li ma kellux ideoloġija politika li tifred u li emmen u ġġieled biex il-poplu jkollu Kostituzzjoni li tagħtih vuċi fit-tmexxija ta’ pajjiżna. Minkejja li sab ħafna ċirkostanzi li ostakolaw il-ħidma tiegħu, inkluż il-qtil ta’ numru ta’ Maltin fis-Sette Giugno, irnexxielu jkompli jġib l-għaqda sakemm fl-1921 pajjiżna wasal biex ikollu Kostituzzjoni li kienet tipprovdi għal rappreżentanza diretta tal-poplu.

Din ir-reżiljenza fil-mexxejja u l-poplu tagħna narawha wkoll fis-snin sussegwenti meta l-Maltin baqgħu sodi quddiem il-ħakma Ingliża li dejjem rat kif żammet lura lil dawk in-nies li kellhom viżjoni għal pajjiżna. Bla dubju hawnhekk ma rridx ninsa nsellem lil dawk il-Maltin li ġew internati fosthom, lill-Eks Prim Ministru Nerik Mizzi. Niftakar sew meta ftit tas-snin ilu kont qed immexxi delegazzjoni għall-Konferenza Parlamentari tal-Commonwealth ġewwa l-Uganda u ħadna l-opportunità li nżuru l-belt ta’ Bombo, li huwa l-post fejn Nerik Mizzi nżamm eżiljat minn pajjiżu.

L-istess reżiljenza ntweriet fil-każ tar-referendum demokratiku li sar f'pajjiżna fl-1956 bir-riżultat jintrebaħ, dak iż-żmien, minn dawk li kienu favur l-integration mar-Renju Unit. Minkejja li d-demokrazija kienet titlob li r-riżultat tar-referendum jiġi rispettat, l-awtoritajiet Ingliżi rrifjutaw li jaċċettawh. Hawnhekk ukoll saru protesti, ġustament immexxija dak iż-żmien mill-Prim Ministru Dom Mintoff, li spiċċa rriżenja fis-sena 1958. U minħabba li l-membri tal-Kabinett ta' dak iż-żmien baqgħu jiġġieldu għad-drittijiet tal-Maltin, dawn mhux biss ġew arrestati iżda saħansitra ġew mogħtija sentenza ta' ħabs. Waħda minnhom kienet Agatha Barbara li fl-1981 saret l-ewwel President mara ta' Malta.

Wara li ma ġiex rispettat ir-riżultat demokratiku tar-referendum, il-poplu Malti, bil-mexxejja tiegħu, ħadmu biex Malta tingħata l-Indipendenza. Dan narawh jiġri fl-1964, erba' snin wara li fl-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fl-1960, adottat id-Dikjarazzjoni tal-Għoti tal-Indipendenza lill-pajjiżi kolonjali.

Dawn li semmejt huma biss ftit eżempji minn dak li għadda minnu l-poplu tagħna għaliex baqa' jżomm fih dik ir-rieda soda li jtejjeb il-qagħda tiegħu; dik l-istess rieda li wera fl-1919, u dan minkejja li ma kien xejn faċli li jittieħdu ċertu deċiżjonijiet peress li konna taħt ħakma kolonjali.

Fid-diskors tiegħi li għamilt eżatt sena ilu semmejt ukoll ir-rwol tal-Parlament Malti f'dak li għandu x'jaqsam ma' diplomazija parlamentari. Kont għidt kemm huwa importanti li dan l-aspett tal-ħidma parlamentari jibqa' b'saħħtu biex dejjem nagħmlu dak kollu possibbli ħalli bħala pajjiż indipendenti, sovran u newtrali, kif huwa mfisser b'mod ċar fil-Kostituzzjoni, naħdmu favur il-paċi. B'konvinzjoni nisħqu fuq din il-pożizzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali u interparlamentari sabiex fejn nitkellmu dwar konflitti, gwerer u nuqqas ta' qbil bejn pajjiż u ieħor, naħdmu kemm nistgħu biex nipprovaw inressqu l-partijiet lejn il-mejda tat-taħditiet. F'dan ir-rigward kont semmejt li fil-laqgħa tal-Assemblea tal-Unjoni Inter-Parlamentari li fiha jipparteċipaw il-parlamenti nazzjonali tal-istati membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti, waqt li kienet qed tiġi diskussa l-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja, Malta mhux biss ipparteċipat imma ħadet pożizzjoni li kemm jista' jkun għandna naraw li nipprovdu opportunitajiet għal diskussjoni maż-żewġ parlamenti tal-pajjiżi rispettivi.

Jiddispjaċini ngħid li din il-pożizzjoni spiss issib ċertu reżistenza u indifferenza, inkluż dan l-aħħar minn pajjiżi Ewropej waqt il-Konferenza tal-Ispeakers tal-Parlamenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li saret fi Praga proprju ftit tax-xhur ilu. F'din il-konferenza pproponejt li kellna naffermaw ir-rieda li nagħmlu dak kollu possibbli biex kemm ir-Russja kif ukoll l-Ukrajna jieqfu mill-ġlied b'mod komplet biex b'hekk ikunu jistgħu jiddisktu pjan għall-paċi. Argumentajt li anke jekk bħalissa dan jidher impossibbli, għall-inqas wieħed għandu jtella' din il-proposta fuq il-mejda tad-diskussjoni proprju sabiex joħloq opportunità ta' diskussjoni.

L-emenda kienet tgħid hekk:

> " ... affirm that an acceptable solution to end the war can only be achieved by open and effective dialogue amongst all the actors in the conflict, and insist that a permanent ceasefire in the region is a prerequisite for an acceptable peace framework."

Hija ħasra li għalkemm l-emenda kienet ċara, magħmula b'intenzjoni tajba u mressqa fil-perjodu propizju, minflok ma ġiet diskussa, sempliċement ġiet injorata ma' oħrajn għaliex il-Presidenza eżerċitat id-dritt li tagħżel l-emendi li kellhom jifformaw parti mill-konklużjonijiet tal-Presidenza mingħajr ma tat l-opportunità li l-emendi l-oħrajn jiġu diskussi. Kien għalhekk li b'impenn sħiħ lejn il-paċi u fir-rappreżentanza ta' Parlament li jemmen li għandu mhux biss jirrispetta l-Kostituzzjoni ta' pajjiżna imma jaħdem fuqha, irrimarkajt b'mod ċar u iebes li mhuwiex aċċettabbli li fl-ogħla laqgħa interparlamentari fuq livell Ewropew ma jiġux konsidrati wħud mill-emendi li jitressqu minn parlamenti nazzjonali, fosthom Malta.

Jien nemmen li għandna nibqgħu nisħqu fuq din il-pożizzjoni għaliex fil-ħajja, jekk wieħed joqgħod lura milli jieħu pożizzjoni favur dak li jemmen fih u favur deċiżjonijiet li jafu jkunu ta' salvagwardja għall-ġid komuni, ikun qiegħed joqgħod lura milli jaħdem f'isem id-demokrazija, u allura mhux kif għamlu bosta li ġew qabilna. Din hija riflessjoni li għamilha wkoll il-Papa Franġisku meta kkwota s-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, il-Ġeneral Dag Hammarskjöld li qal li l-abbuż mill-kelma huwa ekwivalenti għal disprezz tal-bniedem. Nikkwotaha kif qalha l-Papa Franġisku:

> "Abusare della parola equivale a disprezzare l'essere umano."

Meta wieħed jabbuża mill-kelma u jxekkel diskussjoni li tkun qed titqajjem, aktar u aktar f'kuntest ta' demokrazija parlamentari, ikun qed jiddisprezza l-istess dritt tal-persuna. Għandna nirriflettu lkoll fuq dan id-diskors għaqli li oriġinarjament ingħad minn dan id-diplomatiku Żvediż li okkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda bejn l-1953 u l-1961.

Għandna x'nitgħallmu minnu bħal m'għandna x'nitgħallmu wkoll mid-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II quddiem il-Ħamsin Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fil-5 ta' Ottubru 1995 meta qal li kull pajjiż għandu dritt għall-eżistenza tiegħu u li ebda Stat jew nazzjon jew organizzazzjoni internazzjonali ma tkun ġustifikata meta tasserixxi mod ieħor. Żied li allura kull pajjiż għandu d-dritt li jfassal lilu nnifsu fuq it-tradizzjonijiet tiegħu basta dawn it-tradizzjonijiet ma jkunux jimpinġu b'mod negattiv fuq id-drittijiet umani bażiċi b'mod partikolari fuq id-drittijiet tal-minoritajiet.

Jien nara li dan huwa l-veru spirtu tal-paċi u l-bażi biex ikun hemm solidarjetà u rispett bejn il-pajjiżi. Ħidma sabiex tingħata kull opportunità għal diskussjoni huwa kontribut favur tali solidarjetà u rispett.

Għalhekk nemmen li l-Parlament Malti għandu jkompli jaħdem - kif qegħdin nagħmlu – favur il-paċi. Tant hu hekk li ftit ġranet ilu l-Parlament Malti organizza konferenza internazzjonali mal-Kunsill Globali għat-Tolleranza u l-Paċi fejn iddiskutejna ma' rappreżentanti ta' diversi pajjiżi x'inhi l-aħjar triq biex nifhmu lil xulxin. Biex ikollok il-paċi huwa importanti li jkollok it-tolleranza. Bi pjaċir ngħid li l-Parlament Malti huwa wieħed mill-membri fundaturi tal-Parlament Internazzjonali għat-Tolleranza u l-Paċi.

Issa nixtieq niġi għal materja li għamilt referenza għaliha f'diversi diskorsi matul is-snin li ilni President tal-Kamra. Irridu naħdmu biex nintroduċu proċedura parlamentari sabiex nagħtu rimedju liċ-ċittadin meta dan iħoss li Membru Parlamentari jkun abbuża mill-privileġġ parlamentari meta jsemmih fil-Parlament.

Sal-lum persuni li jħossu li fil-konfront tagħhom saru dikjarazzjonijiet skorretti jew mhux veritieri minn xi Membru tal-Kamra waqt xi seduta jew kumitat parlamentari, għadhom bla rimedju, anke jekk forsi dawk il-persuni jkunu qed ibatu konsegwenzi minħabba dak li jkun intqal dwarhom fil-Parlament. Irid jingħad li dawn il-konsegwenzi jista' jkunu tali li

jkollhom effett kuntrarju għall-interessi tagħhom fir-rigward ta' proċeduri li jkunu għaddejjin minnhom fil-Qrati. Nemmen illi wasal iż-żmien biex mid-diversi mudelli li hemm f'diversi pajjiżi, l-aktar fil-pajjiżi tal-Commonwealth, għandna nsibu u nimplimentaw dak il-mudell li l-aktar huwa applikabbli għalina.

Insemmi proposta li kont ukoll għamilt dwar il-ħidma parlamentari fejn jirrigwarda x-xhieda li jiġu msejħa jidhru quddiem il-kumitati tal-Kamra. Naħseb li għandna nistħarrġu l-possibilità li xhieda li tingħata quddiem dawn il-kumitati parlamentari tkun privileġġjata u prekluża milli tintuża quddiem il-Qrati jew xi awtorità ġudizzjarja oħra. Nifhem li biex din il-proposta tiġi implimentata jrid ikun hemm impenn politiku u diskussjoni dwar il-konsegwenzi legali tagħha anke għaliex tali suġġeriment aktarx ikun irid jiġi fis-seħħ permezz ta' emendi fil-liġijiet Maltin.

Kif qed nitkellmu dwar il-ħidma fil-Parlament ma nistax ma nsemmix materja li ilha ftit li tqajmet, u ċjoè dwar jekk wasalx iż-żmien li jkollna Membri Parlamentari full-time. Jiena għadni tal-fehma li biex inħajru aktar nisa u rġiel jidħlu għall-ħajja tal-politika u biex fl-istess ħin ma noħolqux ostakoli għal min diġà huwa stabbilit b'mod professjonali u jixtieq jikkontribwixxi lejn is-soċjetà permezz tal-politika, għandna nintroduċu sistema fejn Membru tal-Kamra jkun jista' jagħżel jekk iridx iservi lil pajjiżu fuq bażi full-time jew part-time.

Niġi issa għal punt ieħor li nħobb nirrimarka dwaru f'dawn id-diskorsi u ċjoè li l-Parlament Malti huwa wieħed mill-aktar parlamenti nazzjonali fl-Ewropa li għandu rata ta' ħidma għolja. Fil-fatt matul is-sena li għaddiet mill-aħħar diskors tiegħi, il-Kamra ltaqgħet 117-il darba biex ġew mgħoddija 34 Att tal-Parlament, ġew ippreżentati 52 Abbozz ta' Liġi u 101 Mozzjoni, ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mal-1,600 dokument, kien hemm mhux inqas minn 134 laqgħa tal-kumitati parlamentari u ngħataw mhux inqas minn 21 deċiżjoni tas-Sedja li wħud minnhom kienu deċiżjonijiet ta' ċertu portata.

Irrid ngħid li fl-għoti ta' dawn id-deċiżjonijiet is-Sedja tkun obbligata ssegwi u tapplika d-dispożizzjonijiet li joħorġu mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati u liġijiet oħra applikabbli. Minbarra hekk, fil-maġġor parti tal-każijiet, dawn l-istess deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq każijiet simili u deċiżjonijiet ta' Speakers li ppresedew il-Kamra matul

is-snin, u fuq preċedenti u prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit u ta' pajjiżi oħrajn fil-Commonweath bħalma huma l-Awstralja, il-Kanada u l-Indja. Dan ifisser li dawn ikunu deċiżjonijiet fejn il-proċedura parlamentari tkun qiegħda tiġi studjata u spjegata b'reqqa u b'attenzjoni, u għalhekk huwa importanti li l-Membri kollha jkunu a konoxxenza ta' dawn id-deċiżjonijiet. Huwa daqstant ieħor importanti għall-istess istituzzjoni parlamentari li dawn ir-rulings jiġu rispettati, u li f'każ li xi Membru jkun jixtieq jikkontesta deċiżjoni tas-Sedja, għandu jirrikorri għar-rimedju li jagħtuh l-istess Ordnijiet Permanenti fir-rigward, u mhux għal azzjonijiet oħrajn li jmorru lil hinn minn dak li jipprovdu r-regoli tal-Kamra. Dan qed ngħidu għaliex minkejja li huma veru ftit l-istanzi fejn Membri rrikorrew għal dawn l-azzjonijiet, is-Sedja tibqa' dejjem obbligata u kommessa li tisħaq fuq l-osservanza tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u tal-preċedent stabbilit mis-Sedja matul is-snin.

Nirrimarka wkoll li daqstant ieħor huwa importanti li l-Kamra tinżamm aġġornata bl-aħħar żviluppi li jkunu qed iseħħu, per eżempju, permezz tal-istqarrijiet ministerjali u t-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari. Dan kif stabbilit mill-istess Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Bħal ma għamlu ta' qabilna għandna nkomplu naħdmu u nieħdu dawk id-deċiżjonijiet biex inżommu l-Parlament Malti ħaj u relevanti għal dak li qiegħed jiġri madwarna, kemm lokalment kif ukoll 'il barra minn xtutna. Inżid li meta wieħed iħares lura lejn l-iżvilupp tal-Parlament tagħna tul medda ta' aktar minn 100 sena, jista' japprezza aħjar li demokrazija parlamentari ħajja titlob li dejjem nirriflettu fuq dak li għamilna u fuq dak li forsi stajna għamilna b'mod aħjar, biex inkomplu ntejbu u nsaħħu lil dan il-Parlament tagħna u biex inkomplu nagħmlu l-almu tagħna sabiex nilħqu l-aspettattivi tal-poplu. Biex isir dan m'hemmx dubju li hemm bżonn il-koperazzjoni u l-impenn tal-Membri Parlamentari kollha.

Nemmen li din il-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno li ssir ta' kull sena biex infakkru u napprezzaw dak li għaddew minnu missirijietna, isservi biex mill-ġdid nitħeġġu bl-enerġija ħalli nkomplu nsaħħu din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż mhux biss għall-ġid ta' pajjiżna llum, imma anke għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.